# Drittijiet, mhux karità

## Linji gwida lejn attitudni aktar pożittiva li tissarraf f'azzjoni konkreta għat-titjib fil-kwalità tal-ħajja tal-persuni b'diżabilità

KNPD
20 Sena
TA' ĦIDMA
1987-2007

Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità
www.knpd.org

Pubblikat għall-ewwel darba f'Diċembru 2007

**Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (KNPD)**
Ċentru Ħidma Soċjali, Istitut Vincenzo Bugeia
Triq Braille, Santa Venera, Malta
Telefown: +356 2148 7789
Fax: +356 2148 4609
Textel: +356 2144 65396
Indirizz-e: helpdesk@knpd.org
www.knpd.org

Editur: Fred Bezzina

Dan il-manwal jista' jinkiseb ukoll mill-Uffiċċju tal-KNPD f'dawn il-forom:

- verżjoni bil-lingwa Maltija b'tipa kbira
- verżjoni bil-lingwa Maltija Faċli-biex-Taqra
- verżjoni bil-lingwa Maltija awdjo fuq CD
- verżjoni bil-lingwa Ingliża
- verżjoni bil-lingwa Ingliża b'tipa kbira
- verżjoni fuq DVD bil-Lingwa tas-Sinjali Maltija

This manual is also available from KNPD's offices in the following formats:

- English version
- English version in large print
- Maltese version in large print
- Maltese version Easy-to-Read
- Audio version in Maltese on CD
- Maltese Sign Language version on DVD

Din il-pubblikazzjoni, fil-formati diversi, hi ffinanzjata permezz ta' fondi mill-Unjoni Ewropea u l-Gvern Malti għas-Sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd, 2007.

Il-kontenut ta' din il-pubblikazzjoni mhux bilfors jirrifletti l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea. La l-Kummissjoni Ewropea u l-anqas persuna li taħdem f'isimha ma huma responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li hemm f'din il-pubblikazzjoni.

# Werrej


Messaġġ mill-Onor Dolores Cristina Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali ..................... 5
Messaġġ mis-Sur Joseph M. Camilleri, Chairperson KNPD ..................... 7
Fil-qosor ..................... 9
Il-kontributuri ta' dan il-manwal ..................... 11

Taqsima 1 - Introduzzjoni ..................... 13
Il-mudell mediku u l-mudell soċjali ..................... 14
L-influwenza tal-midja ..................... 17
Linji gwida ta' l-Awtorità tax-Xandir ..................... 18
L-attitudnijiet – min hu responsabbli ..................... 19
L-aċċessibilità f'kollox, għal kulħadd ..................... 20
L-argument ekonomiku ..................... 24

Taqsima 2 - Linji gwida ..................... 25
Linji gwida dwar il-lingwa ..................... 27
Linji gwida dwar ix-xbihat ..................... 33
Linji gwida ta' etikett ..................... 35
Linji gwida għal meta torganizza attività ..................... 41
Linji gwida għall-produzzjoni ta' programmi televiżivi jew tar-radju u għall-kitba ..................... 45
Linji gwida għal informazzjoni stampata ..................... 47
Linji gwida għal websajts ..................... 49

Tagħrif rilevanti u kuntatti ..................... 51
Referenzi ..................... 53

Messaġġ mill-Onor Dolores Cristina
Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali

# Lejn kwalità ta' ħajja aħjar tal-persuni b'diżabilità

**Is-soċjetà Maltija minn dejjem kienet mogħnija b'nies li ħassew li għandhom jagħtu mill-ħin u l-ħidma tagħhom biex b'hekk ikunu ta' servizz għal persuni oħra li, għal xi raġuni jew oħra, għandhom bżonn l-għajnuna u l-appoġġ.**

Matul iż-żmien rajna kif il-volontarjat f'Malta u Għawdex rabba għeruq sodi u wettaq ħidma kruċjali f'oqsma differenti, l-aktar fil-qasam soċjali, speċjalment f'ħidma ma' persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom.

F'dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena, aktar minn qabel, rajna mhux biss splużjoni ta' servizzi u benefiċċji fil-qasam tal-persuni b'diżabilità, imma tkattir sostanzjali f'dawk li huma għaqdiet volontarji. Dawn l-għaqdiet, kif ukoll il-milja ta' servizzi u benefiċċji, kollha għandhom għan wieħed – dak li flimkien itejbu l-kwalità ta' ħajja u biex ikunu ta' servizz għas-settur tad-diżabilità in ġenerali.

F'ħidmiethom dawn l-għaqdiet sikwit jagħmlu użu mill-midja: ġurnali stampati, radju, televiżjoni, u llum anki l-informatika u l-internet. Din il-ħidma bejn għaqdiet mhux governattivi u l-midja għandha diversi għanijiet, per eżempju biex jattiraw aktar membri, joħorġu avviżi dwar attivitajiet, issir edukazzjoni dwar oqsma tad-diżabilità, kif ukoll biex isiru kampanji għal ġbir ta' fondi.

Proprju hawnhekk fejn jiena nara l-akbar ħtieġa ta' din il-pubblikazzjoni. Għaliex, bla dubju ta' xejn, il-mod kif il-midja tipproġetta persuni b'diżabilità, u l-mod kif l-għaqdiet jitkellmu dwar l-oqsma tad-diżabilità, jista' jħalli effett enormi, tajjeb, jew ħażin, f'moħħ il-poplu.

Tajjeb għalhekk li nirriflettu sew dwar il-konsegwenzi tal-kliem, stampi, jew stejjer li nkunu ser nippubblikaw jew inxandru. Niftakru li l-akbar konsegwenzi ta' kliemna u għemilna jġorruhom il-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom kollha.

Drittijiet, mhux karità - nistqarr li ma' l-ewwel daqqa' t'għajn sibt it-titlu tal-manwal iebes. Mhux għax il-karità hi ħażina fiha nnfisha. Lanqas xejn – imma dan il-ktejjeb jistedinna biex niftakru li kif nagħmlu l-att ta' karità, u l-mod kif inħarsu lejn il-persuna li tirċievi l-karità, jistgħu jagħmlu d-differenza bejn ġest ta' mħabba u solidarjetà għal wieħed biered u indifferenti.

Minn naħa l-oħra l-ktejjeb juri li l-kelma 'drittijiet' qed tirreferi għas-sens t'ugwaljanza bejnietna, b'tifsira ħafna akbar issa li anke n-Nazzjonijiet Uniti adottat il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, li Malta diġà ffirmat u issa qiegħda tittama li tirratifika fl-iqsar żmien possibbli.

Nieħu l-okkażjoni biex inħeġġeġ l-użu ta' dawn il-linji gwida mill-għaqdiet volontarji, speċjalment fejn jidħlu kampanji ta' ġbir ta' fondi, kif ukoll minn dawk il-ħafna ġurnalisti u xandara li jwettqu xogħolhom bi professjonalità u jixtiequ li juru aktar sensittività fil-konfront tagħhom ma' persuni b'diżabilità.

Fl-aħħar nawgura l-kumplament ta' snin twal ta' ħidma fejjieda lill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (KNPD) li propju f'din is-Sena Ewropea ta' l-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd tagħlaq għoxrin sena mit-twaqqif tagħha – 20 sena ta' ħidma favur id-drittijiet indaqs u titjib ta' kwalità ta' ħajja tal-persuni b'diżabilità Maltin u Għawdxin kollha.

**Dolores Cristina**
Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali

**Messaġġ mis-Sur Joseph M. Camilleri**
**Chairperson, Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità**

# Nistgħu nagħmlu differenza

## Il-manwal 'Drittijiet, mhux karità' huwa ħolqa oħra f'xibka li l-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità qiegħda bil-mod toħloq biex tassigura firxa akbar ta' kuxjenza pubblika dwar oqsma tad-diżabilità.

Sal-lum il-KNPD ppubblikat diversi kotba u fuljetti li jolqtu aspetti differenti tal-ħajja u esperjenzi ta' persuni b'diżabilità u familjari tagħhom f'Malta u Għawdex. Il-pubblikazzjonijiet barra milli jolqtu suġġetti differenti, huma wkoll intiżi għal gruppi ta' etajiet differenti.

Din il-pubblikazzjoni hi maħsuba l-aktar għal żewġ udjenzi ewlenin: il-komunità ta' xandara u ġurnalisti lokali, u l-mexxejja ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi li jaħdmu fil-qasam tad-diżabilità. Però, minħabba li hemm tema komuni li bħal ħajta tiġri fin-nisġa sħiħa ta' dan il-ktejjeb, it-tema ta' ġbir ta' fondi pubbliċi, jew fundraising, l-argumenti mqajma għandhom isibu udjenza akbar, speċjalment fost dawk il-kumpaniji kummerċjali kbar li ta' sikwit joffru sponsorship għal proġetti u diversi attivitajiet konnessi mal-qasam tad-diżabilità.

Min hu midħla tas-settur mill-ewwel jinduna li l-ħsieb bażiku li fuqu huma msejsa l-argumenti u suġġerimenti kollha huwa l-Mudell Soċjali tad-Diżabilità. Fil-qosor, il-mudell soċjali jagħraf li n-nuqqasijiet bijolġiċi bħal: nuqqas intellettwali, ta' dawl, ta' smigħ, nuqqas fiżiku , nuqqas moħbi, jew nuqqas  ta' saħħa mentali, minnhom infushom joħolqu ċertu limitazzjonijiet fl-individwu. Biss, min-naħa l-oħra l-mudell soċjali jinsisti bil-qawwa li huma l-ostakli

soċjali, bħal nuqqas t'aċċess fiżiku, nuqqas t'aċċess għall-mezzi ta' kommunikazzjoni u informazzjoni, u fuq kollox attitudni negattiva min-naħa ta' ċerti individwi, li jikkawżaw l-akbar żvantaġġi, jew diżabilità.

M'hemmx wisq x'wieħed jista' jagħmel biex inaqqas in-nuqqasijiet bijoloġiċi. Infatti, min għandu diżabilità bħali jitgħallem jaddatta għalihom. Però hemm ħafna u ħafna x'wieħed jista' jagħmel biex itaffi, jew anki jxejjen, in-nuqqasijiet soċjali. Hu għalhekk, il-mudell soċjali jgħallimna li bħala soċjetà d-diżabilità hija fenomenu li nistgħu nikkontrollaw aħna stess. Meta nittrattaw persuna b'diżabilità b'mod anqas favorevoli nkunu qed inżidu diżabilità. Imma meta aħna nagħmlu l-bidliet meħtieġa: kemm fil-mod kif norganizzaw l-istrutturi soċjali, u kemm fl-attitudini tagħna, allura nistgħu nnaqqsu, jew neliminaw id-diżabilità kważi għal kollox.

U dan il-manwal maħsub li jagħmel hekk. Li jagħti linji gwida kif nistgħu nużaw l-influwenza enormi tal-midja, u tal-mexxejja fil-qasam tagħna biex flimkien innibbtu attitudini aktar pożittiva fil-mod kif il-pubbliku jagħraf lill-persuni b'diżabilità. Naturalment, ix-xewqa tagħna hi li l-attitudini pożittiva mbagħad tissarraf f'azzjoni konkreta u pożittiva maħsuba biex toħloq opportunitajiet indaqs u titjieb il-kwalità ta' ħajja tal-persuni b'diżabilità.

Fl-aħħar, irrid nosserva li dan il-manwal qiegħed jiddeskrivi l-ideal. Jiġifieri dak li hu neċessarju għall-inklużjoni ta' kulħadd. Nafu li għal diversi raġunijiet mhux dejjem possibbli li nilħqu l-ideal. Imma dan ma jfissirx li m'għandniex nippruvaw. Min-naħa tagħna nkunu kuntenti jekk naraw li dak li jkun qed jipprova jtejjeb il-lingwaġġ li juża u l-metodi ta' kif jagħmel xogħlu, jew jorganizza s-servizzi li jkun responsabbli għalihom. Fl-aħħar mill-aħħar aħna nixtiequ li dan il-manwal iservi ta' ispirazzjoni biex min jaqrah jipprova jagħmel ħiltu biex, sal-massimu possibbli, jipprovdi aċċessibilità għal kulħadd u b'hekk inkunu ħadna pass ieħor 'l quddiem lejn soċjetà inklussiva u b'ħidmietna nkunu għamilna differenza pożittiva u reali fil-ħajja ta' persuni b'diżabilità Maltin u Għawdxin.

**Joseph M. Camilleri**
Chairperson, Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità

# Fil-qosor

Dan il-manwal "Drittijiet, mhux karità" sar bħala proġett fl-okkażżjoni tas-"Sena Ewropea għal Opportunitajiet Indaqs" u hu sponsorjat minn fondi allokati għal din is-sena maħruġa mill-Gvern Malti u l-Unjoni Ewropea.

Dan il-manwal huwa maqsum f'żewġ taqsimiet. Fl-ewwel taqsima l-manwal jispjega u jippromwovi l-mudell soċjali tad-diżabilità aktar milli l-mudell mediku għaliex jekk inneħħu kemm nistgħu mill-ostakli fis-soċjetà nkunu qegħdin niffaċilitaw l-inklużjoni sħiħa. Dan ifisser li hemm bżonn bdil fis-soċjetà (attitudnijiet, ambjent fiżiku, l-għoti ta' informazzjoni, il-mod kif nikkomunikaw) biex ma jkunx hemm aktar diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilità.

Il-midja għandha rwol importanti biex iseħħ il-bdil meħtieġ u għalhekk dan il-manwal jenfasizza wkoll kemm huwa importanti għall-midja li tuża l-mudell soċjali – u dan aktar u aktar jekk xprunata mill-għaqdiet tal-persuni b'diżabilità stess.

It-tieni taqsima tal-manwal fiha sensiela ta' linji gwida ta' kif wieħed jista' jwettaq dan kollu fil-prattika, jiġifieri kif, laqgħat, artikli, programmi, pubblikazzjonijiet, websajts, eċċ. jiġu ppjanati u organizzati b'mod li jkunu aċċessibbli għal kulħadd inkluż persuni b'diżabilità. Fiha wkoll linji gwida li jindikaw kif il-persuni b'diżabilità jixtiequ li jiġu murija fil-midja u kif wieħed jitkellem jew jikteb dwarhom.

Il-manwal jinkludi wkoll lista ta' referenzi u kuntatti utli għal kull min qed jippjana attività aċċessibbli għal kulħadd.

Il-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom ikollhom kwalità ta' ħajja aħjar jekk il-linji gwida li hawn f'dan il-manwal jiġu segwiti sal-massimu possibbli.

# Kif inġabar dan il-manwal

Il-kontenut ta' dan il-manwal inġabar b'żewġ modi. L-ewwelnett tfasslu l-oqsma u t-taqsimiet neċessarji għall-manwal. Imbagħad saret ir-riċerka minn diversi sorsi, kemm minn fuq siti speċjalizzati ta' l-internet kif ukoll minn pubblikazzjonijiet varji li jittrattaw suġġetti u temi rilevanti. Wara li nġabar t-tagħrif neċessarju, inkiteb l-abbozz tal-manwal.

Minn hawnhekk il-manwal għadda għat-tieni fażi tiegħu: il-fażi tal-konsultazzjoni. L-idea tal-manwal dejjem kienet li jitfassal bil-kontribut ta' l-attivisti fil-qasam tad-diżabilità.

Għalhekk l-Għaqdiet Mhux Governattivi (NGOs) ta' Malta u Għawdex kienu mistiedna għal laqgħa ta' konsultazzjoni sabiex jagħtu l-kontribut tagħhom lill-manwal. Saru żewġ laqgħat, waħda f'Malta u oħra f'Għawdex. F'dawn il-laqgħat, ġie spjegat l-għan tal-manwal u ġew diskussi diversi oqsma rilevanti mid-dokument abbozz.

Wara dawn il-laqgħat, kwestjonarju u l-abbozz tal-manwal intbagħtu lill-parteċipanti kif ukoll rappreżentanti oħra ta' għaqdiet li ma setgħux jattendu waħda minn dawn il-laqgħat biex huma wkoll ikunu jistgħu jibagħtu l-kontribut tagħhom.

Il-feedback miġbur ġie analizzat bir-reqqa u fejn indikat ġie inkluż fit-test finali.

## Il-kontributuri ta' dan il-manwal

**Għaqdiet u organizzazzjonijiet li pparteċipaw għal-laqgħat konsultattivi:**

- AD/HD Family Support Group – Tessa Anastasi
- Assoċjazzjoni għas-Saħħa Mentali – Maria Attard
- Caritas Malta Epilepsy Association – Mario Dimech
- Caritas Thursday Club – Vincent Scerri
- Dar tal-Provvidenza – Mons Lawrence Gatt, Anton Vella, Sr Gusina Mangion u Rita Darmanin
- Djakonija Żabbar – Maria Borg
- Federazzjoni ta' Organizzazzjonijiet għall-Persuni b'Diżabilità – Epifanio Vella
- Fondazzjoni Żvilupp ta' Lingwa tas-Sinjali Maltija – Dr Marie Alexander
- Fondazzjoni Ħajja Indipendenti – Connie Camilleri
- Fondazzjoni Nazareth – Tanya Fenech
- Fondazzjoni Wens – Ronald Galea
- Għaqda Persuni b'Nuqqas ta' Dawl – Laurent Coleiro
- Għaqda Persuni Nieqsin mis-Smigħ – George Vella u Nicolette Aquilina
- Għaqda Spina Bifida u Hydrocephalus – Speranza Xuereb
- Gozo Aid for the Visually Impaired (GAVI) - Kevin Cutajar, Mary Rose Attard u Frances Cefai
- Gozo Association for the Deaf – Carmen Grech
- Grupp Gwardjola Isla – Lawrence Sarsero, Justin John Camilleri u Louis Henwood
- Ħbieb Aġenzija Sapport – Francis Ripard
- Kummissjoni Ħidma Morda u Persuni b'Diżabilità – Angela Camilleri u Josephine Borg
- Kunsill Malti għall-Persuni b'Diżabilità – Gordon Cardona
- Malta Heomphilia Society – Silvana Busuttil
- Malta Society of the Blind - Ron Colombo
- Muscular Dystrophy Group – Kevin u Rita Vella
- Razzett tal-Ħbiberija - Lidwina Schembri Wismayer
- Retinitis Pigmentosa Association (Malta) - Epifanio Vella

**Persuni u Organizzazzjonijiet li taw il-kontribuzzjoni taghhom permezz tal-kwestjonarju:**

- Adult Training Centre (Gozo) – John Gannon
- AD/HD Family Support Group – Tessa Anastasi
- AD/HD Family Support Group (Gozo) - Amy Zammit
- Assoċjazzjoni għas-Saħħa Mentali – Maria Attard
- Caritas Thursday Club – Vincent Scerri
- Fondazzjoni Eden – Claire Ebejer
- Fondazzjoni Nazareth - Anġlu Zahra
- Għaqda Filantropika Ġenituri u Persuni b'Diżabilità, Luqa - Paul Tonna
- Għaqda Persuni Nieqsin mis-Smigħ – George Vella
- Gozo Association for the Deaf – Carmen Grech
- Grupp Solidarjetà Persuni bi Bżonnijiet Speċjali - Gloria Callus
- Malta Wheelechair Dancesport Association - Pippa Roberts
- Spina Bifida & Hydrocephalus Association (Malta) - Speranza Xuereb

Taqsima 1

# Introduzzjoni

Fil-qasam tad-diżabilità, ninsabu quddiem żewġ mogħdijiet. Waħda tgħidilna nkomplu bis-segregazzjoni, l-oħra twassalna għall-inklużjoni. It-tnejn iwasslu f'postijiet differenti. Is-segregazzjoni twassal għall-karità, waqt li l-inklużjoni tisħaq fuq id-drittijiet. Aħna bħala komunità rridu nagħżlu fejn irridu naslu. Drittijiet jew karità? Dan il-manwal għandu jgħin biex naqbdu l-aħjar triq.

L-introduzzjoni għalhekk se tibda billi tagħti tagħrif dwar kif inħarsu lejn id-diżabilità u dwar l-effetti li s-soċjetà tħalli fuq kif inqisu l-persuni b'diżabilità u dak kollu li għandu x'jaqsam magħhom.

# Il-mudell mediku u l-mudell soċjali

## Il-mudell mediku tad-diżabilità

Il-mudell mediku tad-diżabilità hu mod ta' kif tħares lejn il-persuni b'diżabilità. Fil-fatt il-mudell mediku jqis li l-persuna b'diżabilità hija l-problema. Skond dan il-mudell, il-persuni b'diżabilità jridu jadattaw lilhom infushom għad-dinja kif inhi u mhux bil-maqlub.

Hawnhekk l-enfasi hija n-nuqqas bijoloġiku, li jitqies bħala l-problema u l-kawża tad-diżabilità. Din l-enfasi hi msaħħa bl-isterjotipi li jiġġeneraw ħasra, biża' kif ukoll attitudnijiet paternalistiċi u maternalistiċi. Il-punt fokali jkun ibbażat fuq id-diżabilità, mhux fuq modi kif il-bżonnijiet tal-persuna jiġu milħuqa. Ħafna drabi, skond dan il-mudell, il-ħajja tal-persuni b'diżabilità tiġi mkejla b'kuntrast ma' dak li s-soċjetà tqis bħala 'normali', speċjalment mill-perspettiva medika jew xjentifika, li tkebbes it-tama permezz ta' testijiet jew operazzjonijiet biex jippruvaw 'jibdlu' l-persuna b'diżabilità kemm jistgħu lejn din l-idea ta' ġisem u moħħ 'normali'.

B'hekk, skond il-mudell mediku, is-soluzzjoni għall-persuni b'diżabilità ssir it-'tiswija' tal-ġisem u l-moħħ, anke b'detriment għall-aspetti l-oħra ta' ħajjithom.

Biex nieħdu eżempju, faċli nħarsu lejn il-mod kif il-bini tagħna jiġi ppjanat. Dan ifisser kontroll fl-ambjent fejn noqogħdu. Il-binja tista' toħloq ħafna ostakli fiżiċi li jagħmlu l-ħajja ta' persuna b'diżabilità aktar dipendenti u diffiċli. Skond il-mudell mediku hija l-persuna b'diżabilità li għandha tinbidel u tadatta għall-ambjent ta' madwarha. Il-persuna b'diżabilità hija appuntu hekk (skond dan il-mudell) għaliex mhix kapaċi tadatta u tlaħħaq ma' l-ambjent ta' madwarha ...u b'hekk għandha 'problema'!

Għalhekk, il-mudell mediku jisħaq fuq dak li l-persuna ma tistax tagħmel, ngħidu aħna:

- ma tistax titla' taraġ
- ma tiflaħx jew hi marida
- għandha bżonn ħafna kura
- ma tistax tuża idejha
- ma titkellimx
- ma tismax
- ma tarax
- mhix kapaċi taħseb għal rasha
- titgħallem bil-mod
- għandha bżonn tmur skola speċjali
- għandha bżonn tgħix f'istituzzjoni
- ma tistax taħdem.

## Il-mudell soċjali tad-diżabilità

Il-mudell soċjali tad-diżabilità jsostni li mhumiex il-kundizzjonijiet mediċi jew in-nuqqasijiet bioloġiċi tal-persuni fihom infushom li jwasslu biex persuna jkollha diżabilità, iżda huma l-ostakli diversi (fiżiċi, legali, għall-komunikazzjoni u l-informazzjoni, u dawk marbutin ma' l-imġiba, l-attitudni u l-kultura) li għal raġunijiet diversi jinħolqu mis-soċjetà u li fil-verità jikkawżaw id-diżabilità lill-persuni.

Il-fatt li persuna b'diżabilità hija differenti jew għandha nuqqas, ma jagħmilhiex mhix kapaċi jew mhix valida biex tipparteċipa fis-soċjetà. Ħafna drabi huma l-biża', l-isterjotipi, in-nuqqas ta' għarfien jew l-indifferenza li jġiegħlu n-nuqqasijiet li jeżistu joħorġu aktar fil-beraħ. Per eżempju, meta nbniet l-entratura ta' lukanda partikolari, għamluha bit-taraġ u ħadd ma staqsa għaliex ma setgħetx issir entratura bla taraġ jew ħa ħsieb li jkun hemm rampa adegwata.

B'hekk il-persuni li għandhom nuqqas ta' mobilità, inkluż ħafna persuni anzjani u persuni li jużaw is-siġġu tar-roti, awtomatikament qed jiġu mċaħħda mid-dritt li jidħlu f'din il-lukanda b'mod indipendenti, dinjituż u sigur.

Is-soluzzjoni għal din il-problema maħluqa mis-soċjetà tinkludi bidla fil-ħsieb u fl-attitudnijiet tal-membri kollha tas-soċjetà tagħna. Il-mistoqsija allura trid tkun: "X'jista' jsir biex persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jieħdu sehem sħiħ fil-komunitajiet fejn jgħixu?" Għalhekk, hemm bżonn li jseħħu bidliet fis-soċjetà biex ikun hawn opportunitajiet għal kulħadd, u kwalità tal-ħajja tajba għal kulħadd, mingħajr diskriminazzjoni.

Għalhekk, il-mudell soċjali jisħaq fuq dak li jnaqqas l-effetti negattivi li joħolqu l-ostakli soċjali lill-persuni b'diżabilità u jenfasizza dak li joffri kwalità tajba ta' ħajja fosthom:

- Bini aċċessibbli
- Toroq u postijiet oħra fil-beraħ aċċessibbli
- Trasport aċċessibbli
- Informazzjoni aċċessibbli
- Komunikazzjoni aċċessibbli
- Servizzi aċċessibbli
- Edukazzjoni inklussiva u ta' kwalità tajba
- Indipendenza ekonomika (permezz ta' xogħol jew benefiċċji soċjali)
- Attitudnijiet pożittivi
- Ideat mhux sterjotipati
- Indipendenza mingħajr protezzjoni żejda
- Empowerment.

## Konklużjoni

Għalhekk naraw li l-mudell mediku jqis li l-persuna b'diżabilità hija l-problema għaliex trid tadatta għas-soċjetà kif inhi, fil-waqt li l-mudell soċjali jenfasizza l-ostakli diversi maħluqin mis-soċjetà li jikkawżaw id-diżabilità lill-persuni. Ta' l-ewwel jindika x'ma tistax tagħmel persuna iżda tat-tieni jiffoka fuq dak li jnaqqas l-ostakli soċjali lill-persuni b'diżabilità.

# L-influwenza tal-midja

Il-midja għandha influwenza kbira fuq l-iżvilupp ta' l-opinjoni u l-attitudnijiet tan-nies. Dan huwa minnu aktar u aktar meta wieħed jikkunsidra li d-diżabilità hija suġġett li tqajjem interess konsiderevoli, għaliex hija suġġett uman. Għalhekk is-saħħa tal-midja tinsab fil-kontenut, kemm dak miktub kif ukoll dak mitkellem jew viżwali.

Hemm bżonn li ssir distinzjoni bejn terminoloġija li tista' tqanqal ħniena lejn persuna b'diżabilità, jew li tnaqqas mid-dinjità tal-persuna, u dik aktar korretta, li turi qabel kollox il-persuna b'diżabilità bħala persuna sħiħa li jistħoqqilha rispett. Programm jew artiklu jista' jagħti l-impressjoni li minflok qed jispira rispett lejn persuna, qed jappella għall-għajnuna għaliex hija 'miskina' (għax għandha diżabilità) u jenħtiġilha min jgħinha. Fuq in-naħa l-oħra hemm il-periklu ta' programmi u artikli li jpinġu l-persuna b'diżabilità qisha xi eroj superuman! Dan isir spiss, l-aktar meta l-persuni b'diżabilità jintwerew jagħmlu affarijiet li persuni bla diżabilità jagħmlu ta' kuljum.

Ta' min isemmi hawnhekk il-fenomenu tal-ġbir ta' flus. Filwaqt li hu sewwa u ħafna drabi bżonnjuż li jinġabru l-fondi kemm bħala sinjal ta' solidarjetà kif ukoll biex jiġu supplimentati servizzi meħtieġa mhux ipprovduti mill-istat, wieħed ma jistax jinsa d-dmirijiet li kulħadd għandu lejn xulxin fil-ħajja ta' kuljum. Il-biċċa l-kbira ta' dawn it-tipi ta' programmi u appelli jenfasizzaw biss il-karità u mhux id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità l-aktar biex huma jkunu ttrattati b'dinjità u jkollhom l-opportunitajiet li jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-komunitajiet tagħhom. Konsegwenza oħra hi li l-ħajja tal-persuni b'diżabilità tiġi miżrappreżentata.

## Linji gwida ta' l-Awtorità tax-Xandir

L-Awtorità tax-Xandir, f'Diċembru ta' l-2002, ippubblikat "Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżabilità u l-Preżentazzjoni Tagħha fix-Xandir". Dawn il-linji gwida, li saru bil-kollaborazzjoni tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità, huma bbażati fuq il-mudell soċjali tad-diżabilità u huma tajbin ħafna biex dawk kollha li jaħdmu f'dan il-qasam jilħqu l-aspirazzjonijiet ġusti tal-persuni b'diżabilità mhux biss fil-qasam tax-xandir imma wkoll fl-oqsma l-oħra tal-midja.

Aspett importanti huwa li dan il-kodiċi jindirizza ż-żewġ estremi negattivi tal-persuna b'diżabilita (jew 'eroj' jew 'vittma'). Il-vittma hija dejjem rappreżentata bħala persuna traġika, patetika u li għandha bżonn l-għajnuna u l-karità. L-eroj, min-naħa l-oħra, huwa rappreżentat bħala persuna dejjem ferħana, kuraġġuża ħafna u twajba b'mod superuman. Fiż-żewġ każi, dan ma jgħoddx għall-persuni b'diżabilità li huma persuni bit-tajjeb u l-ħażin tagħhom, li daqqa jkunu ferħanin u drabi oħra jkunu mdejqa, u li jesperjenzaw il-ħajja bil-mod individwali tagħhom bħal kull persuna oħra.

Il-kodiċi jiffoka wkoll fuq ir-responsabbiltajiet tax-xandara li jiżguraw rappreżentazzjoni aktar inklussiva tal-persuni b'diżabilità fil-programmi tagħhom. Rappreżentazzjoni inklussiva tfisser li persuni b'diżabilità għandhom jiġu mistiedna jieħdu sehem fi programmi televiżivi jew tar-radju mhux biss meta s-suġġett ikun id-diżabilità iżda wkoll dwar kull aspett tal-ħajja.

Din ix-xejra lejn il-persuni b'diżabilità mhix xi kwistjoni ta' diskriminazzjoni pożittiva iżda hija waħda ta' għarfien tal-potenzjal tal-persuni b'diżabilità u ċ-ċelebrazzjoni tad-diversità li fiha s-soċjetà tagħna. Il-persuni b'diżabilità mhumiex qed jitolbu xi tip ta' preferenza fuq ħaddieħor iżda qed jitolbu li jiġu inklużi f'kull aspett tal-ħajja fejn huma kapaċi jagħtu kontribut siewi u wkoll li l-programmi jkunu riflessjoni ġusta tas-soċjetà tagħna li fiha persuni bla diżabilità u persuni b'diżabilità.

Għalkemm maħsub għax-xandara, dan il-kodiċi jista' jintuża minn kull min jaħdem fil-qasam tal-midja.

# L-attitudnijiet – min hu responsabbli

Kulħadd hu konxju ftit jew wisq ta' x'jgħidu u x'jaħsbu n-nies fuqu. Dan jinħass probabbilment aktar meta xi ħadd iħossu 'differenti' għal xi raġuni jew oħra minn dak li wieħed jew waħda jqis bħala 'normali'. Hemm probabbiltà li persuna b'diżabilità tkun aktar konxja għall-attitudnijiet tan-nies l-oħra lejha. Sa ċertu punt, f'dawn l-aħħar snin, l-enfasi qiegħda tinbidel, bil-mod il-mod, minn dik li tagħfas fuq id-differenzi u l-limitazzjonijiet tal-persuna għal waħda li tħares lejn l-abilitajiet u l-potenzjal; tħares aktar lejn x'tibdil u sapport hu meħtieġ biex persuna tkun inkluża aktar milli nirrassenjaw ruħna minħabba d-diffikultajiet. Naturalment, il-persuni b'diżabilità nfushom iridu jagħmlu l-parti tagħhom ukoll, jipparteċipaw aktar fis-soċjetà u jitkellmu dejjem aktar favur opportunitajiet indaqs għal kulħadd. Dan kollu jgħin biex tinbidel l-opinjoni pubblika.

Il-persuni b'diżabilità jridu joħorġu minn dak l-iżolament li jkunu fih jew li jitpoġġew fih. Dan l-iżolament jista' jiġi wkoll mill-familjari tal-persuna għaliex ikollhom sens qawwi protettiv kif ukoll biża' u paternaliżmu jew maternaliżmu żejjed.

L-attitudnijiet pożittivi jiddependu ħafna minn għarfien, integrazzjoni u rispett għall-membri kollha tal-komunità li ngħixu fiha. Hemm bżonn li ninfurmaw u nispjegaw b'mod pożittiv l-abilitajiet diversi li jeżistu: għarfien dwar il-ħajja bil-limitazzjonijiet, iżda wisq aktar bl-abilitajiet li r-realtà turi li xorta jeżistu. Dan ifisser li n-normalità tinkludi d-diżabilità.

Minflok inħarsu lejn in-'nuqqasijiet' jew il-bżonnijiet hekk imsejħa 'speċjali', nisħqu fuq il-modi diversi li kull persuna, inkluż dawk b'diżabilità, jistgħu u għandhom jagħtu l-kontribut tagħhom fil-komunità fejn jgħixu.

Hemm bżonn ukoll li b'mod inġenerali ma nibqgħux inħarsu lejn il-qasam tad-diżabilità bħala qasam relatat mal-karità u l-volontarjat biss. Il-karità u l-volontarjat huma karatteristiċi importanti ħafna tas-soċjetà Maltija u jinħtieġ li jiġu mseddqa. Iżda d-dinjità tal-bniedem u d-drittijiet umani tiegħu ma għandhom la jiddependu mill-karità u l-anqas mill-volontarjat, imma jridu jitħarsu bi dritt u jiġu assigurati permezz ta' finanzjament pubbliku biex hekk tiġi assigurata l-kontinwità u l-kwalità meħtieġa.

Għalhekk dak li verament hemm bżonn huwa li nżidu l-kuntatti bejnietna, nagħrfu u niċċelebraw id-diversità, niddiskutu l-bżonnijiet u t-tibdil meħtieġ, nimmiraw lejn il-potenzjal u nżidu l-kunfidenza fina nfusna sabiex imbagħad bil-mod il-mod niżviluppaw aħna stess l-attitudni mixtieqa u ngħinu biex din tinfirex mal-komunitajiet fejn ngħixu fis-soċjetà inġenerali.

# L-aċċessibilità f'kollox, għal kulħadd

Aċċessibilità fil-kuntest ta' dan il-manwal, tfisser li programmi, informazzjoni, servizzi, attivitajiet, opportunitajiet u faċilitajiet li huma miftuħa għall-membri kollha tas-soċjetà jew xi parti minnha, ikunu verament miftuħa għal kull min jixtieq jipparteċipa fihom mingħajr eċċezzjoni, f'dan il-każ minħabba d-diżabilità tiegħu jew tagħha. Meta ngħidu aċċessibilità rridu nifhmu aċċessibilità fis-sens wiesa', jiġifieri aċċessibilità fiżika għall-ambjent ta' madwarna, għat-tagħrif u l-komunikazzjoni, għas-servizzi tas-saħħa, l-edukazzjoni, ix-xogħol, id-divertiment, it-trasport, it-teknoloġija, eċċ.

L-idea prinċipali mhix li tipprova tbiddel il-persuni b'diżabilità għax dan mhux possibbli, iżda li jsir dak kollu raġonevolment possibbli biex inneħħu l-ostakli maħluqa mis-soċjetà u li jikkawżaw id-diżabilità u li b'mod raġonevoli jiġu żviluppati servizzi ta' sapport. Per eżempju, hemm bżonn li bini miftuħ għall-pubbliku jkun fiżikament aċċessibbli, it-trasport pubbliku jkun aċċessibli għal kulħadd, li l-websajts ikunu aċċessibbli anke għall-persuni b'nuqqas ta' vista, li persuni li jużaw il-lingwa tas-sinjali jkollhom l-interpretazzjoni meħtieġa meta jitolbuha, eċċ. In-nuqqas ta' aċċessibilità, fuq kwalunkwe livell, joħloq iżolament għall-persuni li m'għandhomx dan l-aċċess, jnaqqas l-opportunitajiet, u jnaqqas ukoll mid-dinjità ta' l-individwu. Ħafna drabi din l-esklużjoni, barra li tiswa ħafna f'termini soċjali, tħalli impatt negattiv anki f'termini ekonomiċi.

L-aċċessibilità għal kulħadd tiġi indirizzata bi tliet modi: bil-leġislazzjoni, l-edukazzjoni pubblika u servizzi ta' sapport. F'pajjiżna, b'mod ġenerali l-obbligi leġislattivi qegħdin hemm u jeżistu diġà l-aktar permezz tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) li permezz tagħha hu illegali li xi ħadd jiddiskrimina kontra xi persuna minħabba d-diżabilità tagħha. Din il-leġislazzjoni tissaħħaħ meta Malta tirratifika l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità. Malta diġà għamlet l-ewwel pass billi ffirmat din il-Konvenzjoni, inkluż il-protokol mhux obbligatorju li hemm magħha.

L-edukazzjoni pubblika dwar l-aċċessibilità huwa suġġett aktar kompless u jrid jitwettaq b'mod konsistenti u fuq medda ta' żmien. L-akbar miżura f'dan is-sens hi li l-politika nazzjonali ta' pajjiżna li tassigura li l-maġġoranza assoluta ta' l-istudenti b'diżabilità jieħdu l-edukazzjoni tagħhom f'ambjent inklussiv. Naturalment, hemm il-ħtieġa li kulħadd jagħti s-sehem tiegħu jew tagħha sabiex l-għarfien ta' dan il-qasam ikun mibni fuq il-prinċipji elenkati f'dan il-manwal. Dan l-obbligu hu ta' kulħadd, iżda hu importanti li nenfasizzaw li l-organizzazzjonijiet li jaħdmu f'dan il-qasam għandhom responsabbiltà akbar

biex huma jkunu fuq quddiem nett f'din il-kampanja. Tkun ta' ħsara kbira ħafna jekk dawn l-organizzazzjonijiet huma stess jipperpetwaw, anke jekk mhux intenzjonalment, attitudnijiet negattivi. Hi t-tama tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità li dan il-manwal jgħin b'mod konkret biex jintlaħaq dan il-għan.

Jeżistu ċirkustanzi fejn persuni b'diżabilità ma jistgħux jipparteċipaw jekk ma jkunx hemm is-servizzi ta' sapport meħtieġ. Il-pajjiż hu fl-obbligu li jipprovdi dawn is-servizzi biex tiġi assigurata aċċessibilità sħiħa u reali għall-persuni b'diżabilità.

Ambjent inklussiv ifisser li kulħadd iħossu rispettat bħala persuna li għandha valur u li għandha postha fis-soċjetà flimkien ma' ħaddieħor; fejn il-membri kollha tas-soċjetà jikkontribwixxu għall-formazzjoni ta' l-għanijiet u kulħadd jagħti s-sehem meħtieġ biex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

Tajjeb li wieħed jenfasizza li ħafna mis-servizzi intenzjonati primarjament għall-persuni b'diżabilità jagħmlu l-ħajja aktar faċli għaċ-ċittadini l-oħra. Per eżempju, lifts jgħinu persuni anzjani, nies bit-tfal żgħar u persuni li qed iġorru xi oġġetti goffi jew tqal. Is-sinjali ċari u l-istampi jagħmluha aktar faċli għal kulħadd biex jara u jifhem aħjar. Wara kollox, aktar ma jkollna aċċessibilità aktar igawdi kulħadd.

Il-kelma aċċessibilità tħaddan sitt oqsma differenti:

- soċjali
- fiżika
- għas-servizzi
- għall-komunikazzjoni
- għall-informazzjoni
- għas-sapport u servizzi meħtieġa.

Aċċessibilità f'dawn is-sitt oqsma hija kruċjali biex tinkiseb inklużjoni reali. Filwaqt li aċċessibilità kompleta mhux dejjem hija possibbli, ambjent li huwa verament u kontinwament inklussiv jipprova jżid b'mod fundamentali l-livell ta' l-aċċessibilità.

## Aċċessibilità soċjali

Dan hu l-aċċess għall-imħuħ. Persuna ma tistax, jew diffiċli, taċċessa servizz jew ambjent fejn hi tħossha mhix milqugħa. Għalhekk l-attitudnijiet pożittivi huma prerekwiżiti għall-inklużjoni ta' kull persuna.

## Aċċessibilità fiżika

In-nuqqas ta' aċċessibilità fiżika taffettwa ħafna persuni b'diżabilitajiet differenti, primarjament persuni b'nuqqas ta' mobilità u persuni b'nuqqas ta' vista. Ħafna anzjani jagħmlu parti minn din il-kategorija. Huwa faċli li timmaġina li taraġ ikollu impatt negattiv fuq xi ħadd li juża siġġu tar-roti, iżda fil-verità bini aċċessibbli jagħti każ il-bżonnijiet ta' numru wiesa' ta' persuni b'diżabilitajiet, li jinkludu dawk li għandhom nuqqas ta' vista, nuqqas fiżiku, nuqqas ta' smigħ u nuqqas intellettwali. Fil-kunċett ta' aċċessibilità fiżika, wieħed irid jinkludi wkoll it-trasport, id-djar u l-ambjent miftuħ (eżempji: toroq, ġonna, bajjiet, eċċ.). Għal dettalji dwar dan l-aspett ara "Access for All - Design Guidelines" ippubblikat mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità.

## Aċċess għas-servizzi

Jeżisti wkoll nuqqas ta' aċċess għal programmi edukattivi, l-aktar post sekondarji, ta' taħriġ, opportunitajiet ta' xogħol, avvenimenti sportivi, rikreattivi jew kulturali, attivitajiet informattivi u soċjali, fost l-oħrajn. Din is-sitwazzjoni ma tippermettix lill-persuni b'diżabilità jipparteċipaw b'mod komplet fil-ħajja ekonomika, soċjali u kulturali tal-pajjiż.

## Aċċessibilità għall-komunikazzjoni

Il-komunikazzjoni umana hi dritt iżda hemm ċirkustanzi fejn in-nuqqas bioloġiku jostakola li dan isseħħ. Għall-persuni b'nuqqas ta' smigħ, b'nuqqas intellettwali, b'nuqqas ta' vista u li għandhom diffikultà biex jitkellmu, hemm bżonn tibdil jew mezzi alternattivi biex ikollhom aċċess għall-komunikazzjoni. Dan jinvolvi tibdil fil-mod kif issir il-komunikazzjoni – flok bil-kitba biss, issir ukoll bl-awdjo jew bis-sapport uman (eżempju, interpreti tal-lingwa tas-sinjali) jew b'għajnuna teknoloġika (eżempju, speech synthesizer mal-kompjuter).

## Aċċess għall-informazzjoni

Għall-persuni b'nuqqas ta' vista, b'nuqqas ta' smigħ, b'nuqqas intellettwali u xi persuni b'nuqqasijiet fiżiċi, ħafna mill-informazzjoni li teżisti mhix aċċessibbli, speċjalment meta dawn ma jkunux supplimentati b'miżuri li jirrenduhom aċċessibbli għalihom. Dokumenti miktuba mhumiex aċċessibbli għal persuni b'nuqqas ta' vista jekk dawn ma jkunux ukoll fuq awdjo jew b'mod elettroniku. Dan il-format irendi din l-informazzjoni aċċessibli għal xi persuni b'nuqqas fiżiku. It-televixin mhux aċċessibbli għal persuni b'nuqqas ta' vista jew b'nuqqas ta' smigħ sakemm dawn ma jkunux akkumpanjati minn deskrizzjoni awdjo, sotto-titoli jew/u interpretazzjoni bil-lingwa tas-sinjali. Pubblikazzjonijiet jistgħu jkunu aċċessibbli għal persuni b'nuqqas intellettwali jekk jiġu ppubblikati wkoll f'format Faċli-biex-Taqra.

## Aċċessibilità għas-sapport u servizzi meħtieġa

Minkejja kollox, hemm ċirkustanzi fejn jew għax l-ambjent għadu mhux aċċessibbli biżżejjed  jew minħabba li n-natura tan-nuqqas bioloġiku hi severa ħafna, il-persuna b'diżabilità jkollha bżonn ta' sapport, biex verament tkun inkluża u tipparteċipa b'mod sħiħ fil-komunità fejn tgħix. Dan is-sapport ma għandux jitqies bħala karità jew preferenzi imma bħala għodda biex jiġu rrealizzati d-drittijiet umani ta' dawn il-persuni u anke bħala element essenzjali biex ikun hawn il-ġustizzja soċjali. Eżempju ta' dan hu li numru żgħir ta' persuni b'diżabilità ma jistgħux jaħdmu u għalhekk l-Istat għandu jiggarantilhom dħul finanzjarju adekwat permezz ta' pensjoni.

## L-argument ekonomiku

Il-bżonn li nħarsu lejn dan is-settur mil-lenti tal-mudell soċjali mhuwiex wieħed soċjali jew ta' ġustizzja soċjali biss, imma għandu bażi ekonomika wkoll. Hu veru li wieħed m'għandux jagħmel prezz fuq id-drittijiet umani tal-persuna flimkien mad-dinjità u l-kwalità tal-ħajja tagħha. Iżda l-aspett ekonomiku ma jistax jiġi injorat.

Wieħed irid jitlaq mill-punt li hu veru li l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità spiss tinvolvi spejjeż addizzjonali. Iżda hu importanti li niftakru li:

a) dawn l-ispejjeż jistgħu jonqsu sostanzjalment – jekk ma jispiċċawx ukoll għal kollox – meta l-bidliet u l-mezzi meħtieġa biex il-persuni b'diżabilità jkunu inklużi jiġu kkunsidrati mill-bidu nett fil-fażi ta' l-ippjanar u mhux wara meta jkun kollox lest. Li timmodifika l-affarijiet spiss jinvolvi aktar spejjeż u r-riżultat aħħari bħala regola jkun inferjuri. Għalhekk ippjanar li jinkludi lil kulħadd hu essenzjali biex ikollna prodotti u servizzi inklussivi bl-inqas spejjeż possibbli;

b) mhux veru li dejjem ikun hemm involuti spejjeż kbar biex inkunu inklussivi. Hemm tendenza li nikkunsidraw l-ikbar spejjeż u nibbażaw kollox fuqhom. L-ispejjeż kbar ħafna bħala regola jkunu fil-minoranza u għalhekk il-kalkoli ekonomiċi għandhom isiru b'mod realistiku u mhux b'mod allarmanti;

ċ) l-inklussività tal-prodotti u servizzi ħafna drabi tgħolli l-kwalità tagħhom għal kulħadd. L-eżempju l-aktar ċar hu l-lift, fejn dan ħafna drabi jsir fuq insistenza tal-persuni b'diżabilità imma jispiċċa jintuża minn kulħadd. Eżempju ieħor huwa li kitba Faċli-biex-Taqra primarjament intiża għal persuni b'nuqqas intellettwali tispiċċa tintuża minn ħafna nies. Għalhekk l-ispiża involuta trid tittieħed f'dan il-kuntest.

d) Fil-każ tal-ġbir tal-fondi, wieħed irid iħares fit-tul u mhux jara biss li l-interessi finanzjarji immidjati biex jinġabru ħafna flus. Wieħed irid jara wkoll l-effetti negattivi fit-tul li ċerti elementi ta' dawn il-kampanji jħallu fuq il-persuni b'diżabilità. Eżempju, jekk persuni b'diżabilità jiġu ppreżentati bħala dipendenti, mingħajr abilitajiet u msieken, kif imbagħad wieħed jistenna li dawn se jsibu xogħol? Għalhekk dawn il-kampanji għandhom jintużaw biex jinkuraġġixxu lill-pubbliku biex jikkontribwixxi ħalli x-xogħol siewi li jagħmlu l-għaqdiet jibqa' għaddej u jitjieb.

Taqsima 2

# Linji gwida

Din il-parti tal-manwal tagħti pariri prattiċi u speċifiċi ta' kif nistgħu nibdew nenfasizzaw drittijiet tal-persuni b'diżabilità billi noffru opportunitajiet indaqs u mhux karità f'sitwazzjonijiet differenti.

# Linji gwida dwar il-lingwa

Il-lingwa tiżviluppa l-ħin kollu. Importanti li nżommu lilna nfusna aġġornati, mhux sempliċiment biex inkunu 'korretti politikament' iżda biex nikkomunikaw b'mod aktar effettiv u b'rispett. Dak li ngħidu u niktbu jista' jkattar id-dinjità tal-persuni b'diżabilità jew, bil-maqlub, jirrifletti attitudnijiet negattivi.

Kif nistgħu nkunu aktar pożittivi fil-lingwa li nużaw:

- Agħraf li l-persuni b'diżabilità huma l-ewwel u qabel kollox persuni li għandhom interessi u bżonnijiet bħal kull persuna oħra, jiġifieri li tħobb u li tkun maħbuba, li tkun parti minn familja, li titgħallem, li taħdem, li tiddeverti, eċċ.
- Uża l-kelma 'diżabilità' biex tirreferi għall-ostakli maħluqa mis-soċjetà jew mill-ambjent u mhux biex tirreferi għall-persuna. Uża l-kelma 'nuqqas' biex tindika limitazzjonijiet funzjonarji li jinterferixxu ma' l-intellett, il-qagħda fiżika, l-abilitajiet tas-sensi, bħal li titkellem, tisma' jew titgħallem. Eżempju, stampi f'websajt li m'għandhomx deskrizzjoni huma diżabilità (ostaklu) għal persuni b'nuqqas ta' vista.
- Ippromwovi kunċetti ta' valur, rispett u dinjità. Ippromwovi kunċetti pożittivi ta' kif wieħed iħares lejn il-ħajja u mhux kunċetti ta' vittimiżmu jew erojiżmu.
- Tiddejjaqx tuża frażijiet komuni bħal "narak għada" ma' persuna nieqsa mill-vista jew "imxi l-kuritur kollu" ma' persuna li tuża siġġu tar-roti.
- Agħraf li n-nuqqas fiżiku jew intellettwali mhix xi sfida li tista' tingħeleb.  Tgħidx, per eżempju: "Persuni jirnexxilhom, minkejja d-diżabilità". Affarijiet ordinarji ma jsirux straordinarji għax għamlithom persuna b'diżabilità.  Eżempju li persuna b'diżabilità żżomm ma' tim tal-futbol jew li taħdem huma affarijiet komuni li ħafna nies oħra jagħmlu mingħajr daqq ta' trombi.
- Kulħadd għandu valur, persuni b'diżabilità u persuni bla diżabilità. Ħadd mhu aktar prezzjuż minn ħaddieħor.
- Dan kollu jgħodd l-aktar meta wieħed qiegħed jitkellem jew jikteb b'mod pubbliku jew formali, mhux meta wieħed qiegħed jikkomunika b'mod individwali bejn persuna u oħra. Hawn għandhom jgħoddu r-regoli aċċettabbli għat-tnejn b'mod personali.
- Evita l-ġeneralizzazzjonijiet, speċjalment fuq il-livell individwali. Per eżempju: mhux veru li persuni li għandhom nuqqas ta' saħħa mentali huma kollha vjolenti.

## Frażijiet li jistgħu jgħinuna meta nitkellmu dwar persuni b'diżabilità:

| Lingwaġġ mhux aċċettabbli | Lingwaġġ diskutibbli | Lingwaġġ aċċettabbli | Raġuni |
|---|---|---|---|
| • Miskina, jaħasra<br>• Vittma<br>• Inqas ixxurtjati minna<br>• Nies li l-aktar għandhom bżonn<br>• Sfortunata<br>• Tbati minn...<br>• Anġli<br>• Sfida fiżika<br>• L-invalida<br>• Qalbi...<br>• Ħanini<br>• "Tfal" (meta użata għall-persuni adulti) | • Persuna żvantaġġjata<br>• Persuni b'abilitajiet differenti | • Persuna b'diżabilità | Lingwaġġ patronizzanti, negattiv u li jneħħi mid-dinjità tal-persuna. Il-forma aċċettabbli hija terminu użat mill-korpi kostitwiti internazzjonali kollha (in-Nazzjonijiet Uniti, l-Unjoni Ewropea, eċċ.). |
| • Inferrħuhom | | • Ninkluduhom | Inferrħuhom timplika li l-persuni li qed titkellem dwarhom huma mdejqin u aħna ser nagħmlu xi ħaġa għalihom, xi ħaġa li huma ma jistgħux jagħmlu. |
| • Pazjenta | • Klijenta | • Persuna b'diżabilità | Persuna b'diżabilità mhux bilfors hija marida. |
| • Persuni bi bżonnijiet speċjali | | • Persuna b'diżabilità | |
| • Id-diżabbli<br>• Il-ħandikappati<br>• L-immankati | | • Persuni b'diżabilità | |

| Lingwaġġ mhux aċċettabbli | Lingwaġġ diskutibbli | Lingwaġġ aċċettabbli | Raġuni |
|---|---|---|---|
| • Għamja | • Persuna għamja | • Persuna b'nuqqas ta' vista / dawl<br>• Persuna li ma tarax | Nenfasizzaw il-persuna l-ewwel. |
| • Truxa | • Persuna truxa | • Persuna b'nuqqas ta' smigħ<br>• Persuna li ma tismax<br>• Persuna Deaf | Nenfasizzaw il-persuna l-ewwel. Persuni li l-ewwel lingwa tagħhom hija l-Lingwa tas-Sinjali jippreferu "persuni Deaf". |
| • Muta | | • Persuna li tikkomunika bis-sinjali<br>• Persuna li ma titkellimx | Għid il-persuna x'għandha mhux x'inhi. |
| • Tlaqlaq | | • Persuna li tlaqlaq | Għid il-persuna x'għandha mhux x'inhi. |
| • Zoppa<br>• Magħtuba | | • Persuna b'diżabilità<br>• Persuna li tuża l-bastun | Għid il-persuna x'għandha mhux x'inhi. |
| • Tbati minn...<br>• Issofri minn... | | • Għandha... | Għid il-persuna x'għandha. |
| • Kif sibt il-kuraġġ? | | | Affarijiet ordinarji ma jsirux straordinarji għax għamlithom persuna b'diżabilità. |
| • Persuna normali<br>• Persuna b'saħħitha<br>• Persuna sħiħa | • Persuna hekk imsejha "normali" | • Persuna mingħajr diżabilità | Min hu normali? Fil-kuntest ta' persuni b'diżabilità nippruvaw nevitaw l-użu tal-kelma "normali". |

| Lingwaġġ mhux aċċettabbli | Lingwaġġ diskutibbli | Lingwaġġ aċċettabbli | Raġuni |
|---|---|---|---|
| • Parking għall-ħandikappati<br>• Parking għad-diżabbli | | • Parking riservat għal persuni b'diżabilità | Enfasizza l-persuna u mhux id-diżabilità. |
| • Wheelchair-bound<br>• Wheelchair case | | • Persuna li tuża siġġu tar-roti<br>• Wheelchair user | Siġġu tar-roti huwa għodda għall-mobilità. |
| • Parapleġika<br>• Kwadripleġika | • Persuna parapleġika<br>• Persuna kwadripleġika | • Persuna li għandha l-parapleġija<br>• Persuna li għandha riġlejha u dirgħajha paralizzati | Għid persuna x'għandha mhux x'inhi. |
| • Vittma ta' CP<br>• Spastika | | • Persuna li għandha paraliżi ċerebrali | Għid persuna x'għandha mhux x'inhi. |
| • Epilettika<br>• Jagħtiha tal-qamar | | • Persuna li għandha l-epilessija | Għid persuna x'għandha mhux x'inhi. |
| • Miġnuna<br>• Mhux f'sensiha<br>• Psiko<br>• M'aħniex<br>• Kienet hemm fuq | | • Persuna b'nuqqas ta' saħħa mentali | Lingwaġġ li joffendi u li jneħħi mid-dinjità tal-persuna. |
| • Manikomju<br>• Frankuni<br>• Hemm fuq | | • Sptar Monte Carmeli | Lingwaġġ li joffendi u li jneħħi mid-dinjità tal-persuna. |
| • Ritardjata<br>• Moħħa mhux sew<br>• Stupida<br>• Bla ras<br>• Injoranta<br>• Tardiva<br>• Baħnana<br>• Belha | | • Persuna li għandha nuqqas intellettwali | Lingwaġġ li joffendi u li jneħħi mid-dinjità tal-persuna |

| Lingwaġġ mhux aċċettabbli | Lingwaġġ diskutibbli | Lingwaġġ aċċettabbli | Raġuni |
|---|---|---|---|
| • Mongol | • Persuna bid-Down Syndrome | • Persuna li għandha Down Syndrome | Lingwaġġ li joffendi u li jneħħi mid-dinjità tal-persuna. |
| • Nana | • Persuna nana | • Persuna bi statura żgħira<br>• Persuna bi statura qasira | Emfasizza l-persuna l-ewwel. |
| • Difett mit-twelid | | • Nuqqas mit-twelid | Lingwaġġ li joffendi u li jneħħi mid-dinjità tal-persuna. |
| • Carer<br>• Helper | | • Support Worker<br>• Assistent Personali | Lingwaġġ negattiv li jenfasizza d-dipendenza. |

## Allura x'nistgħu nsejħulhom?

Ħbieb, kollegi, missirijiet, ommijiet, nanniet, aħwa, is-Sinjura Calleja, Paul, ir-raġel ta' Maria, il-mara tiegħi, student, ħaddiema, id-DJ, il-plejer...

# Linji gwida dwar ix-xbihat

Kull meta nużaw xbihat – per eżempju ritratti f'xi artiklu jew f'xi websajt jew filmati f'servizzi televiżivi – importanti li nżommu f'moħħna li dawn ħafna drabi għandhom l-istess qawwa daqs il-kliem u t-terminoloġija li nużaw biex nitkellmu dwar persuni b'diżabilità. Xi kultant aktar ukoll!

Għalhekk għandna responsabbiltà li x-xbihat li nagħżlu jkunu effettivi u pożittivi u li juru lill-persuna b'diżabilità b'rispett u dinjità.

Importanti li dawn ix-xbihat:

- Jenfasizzaw il-kapaċitajiet, id-dinjità u l-inklużjoni tal-persuna u mhux l-esklużjoni, il-vittimiżmu jew id-dipendenza. Ma jenfasizzawx in-nuqqasijiet fiżiċi biex ikunu sensazzjonali u jkabbru l-element tal-'miskina'.
- Jinkludu azzjoni u juru lill-persuna b'diżabilità f'sitwazzjoni attiva u inklussiva; per eżempju, persuni b'diżabilità waqt attività ta' divertiment flimkien ma' persuni mingħajr diżabilità; juru attivitajiet skond l-età tal-parteċipanti, per eżempju: adulti b'diżabilità jilagħbu mat-tfal jew b'logħob tat-tfal, mhix aċċettabbli.
- Juru persuni f'kuntesti fejn jidhru li qed jikkomunikaw, li huma viċin xulxin, u b'espressjonijiet pożittivi; per eżempju, persuni b'nuqqas ta' smigħ qegħdin jikkomunikaw ma' persuni li m'għandhomx dan in-nuqqas permezz ta' interpreti.
- Juru persuni indipendenti li qed jużaw il-kapaċitajiet tagħhom; per eżempju, persuna b'nuqqas ta' vista fuq il-post tax-xogħol taħdem bil-kompjuter.
- Juru ostakli maħluqa mis-soċjetà li persuni b'diżabilità jiltaqgħu magħhom fil-ħajja ta' kuljum; per eżempju, id-diffikultà għal persuna li tuża l-krozzi biex timxi fuq ċerti bankini minħabba n-nuqqas ta' aċċess.
- Juru persuni b'nuqqasijiet diversi u mhux juru biss dawk li għandhom nuqqas fiżiku.
- Jevitaw id-dramatizzazzjoni: jigifieri li juru stampi bl-iswed u l-abjad (black & white), mużika tad-dwejjaq, tedjanti, slow-motions u/jew vuċijiet monotoni u drammatiċi.
- Minkejja dak li hemm fil-letteratura, allura m'hemmx kontroll fuqu, in-nuqqasijiet bijoloġiċi m'għandhomx jintużaw biex idaħħqu. Għax dan iwassal li jtellef mid-dinjità tal-persuni b'diżabilità u jweġġgħu kemm il-persuna ikkonċernata kif ukoll lill-familjari tagħha. Dan iċ-ċajt jista' jitwal jew ikollu effetti fuq il-ħajja tal-persuna kkonċernata.

# Linji gwida ta' etikett

Ħafna drabi persuni bla diżabilità jħossu li ma jafux kif iġibu ruħhom ma' persuni b'diżabilitajiet differenti. Ma jkunux jixtiequ joffendu iżda fl-istess waqt ma jafux x'għandhom jagħmlu u x'm'għandhomx. Din hija xi ħaġa li tifhimha. Ġejja l-aktar min-nuqqas ta' għarfien u esperjenza. Ir-regola prinċipali hi li titratta lil kull persuna daqs persuna bħali u bħalek. Iżda hemm xi punti li jgħinuna nirrelataw aħjar ma' xulxin.

## Persuni b'nuqqas intellettwali

Huwa importanti li ma naħsbux li persuni li għandhom nuqqas intellettwali kollha għandhom l-istess livell ta' abilità jew diżabilità. Dan għaliex l-ebda żewġ persuni b'nuqqas intellettwali ma huma l-istess. Fil-fatt persuni b'nuqqas intellettwali jikkomunikaw f'livelli differenti u għalhekk uħud jużaw modi differenti ta' komunikazzjoni. Importanti li ma nittrattawx lil kulħadd l-istess imma li nqisu li kull persuna għandha l-individwalità tagħha.

- Staqsi lill-persuna tridx għajnuna ("Kif nista' ngħinek?") u kif int għandek tagħmel dan, imma tiħux għalik jekk din tirrifjuta.
- Tasalx f'konklużjonijiet dwar x'tista' tifhem jew x'tista' tagħmel persuna qabel tkun ċert li inti tafha sew.
- Kellem direttament lill-persuna, anki jekk din tkun ma' membru tal-familja jew ma' xi ħadd li qed jgħinha.
- Titkellimx mal-persuna li għandha diżabilità qisek qed titkellem ma' tifel jew tifla – uża l-kliem u l-lingwaġġ skond l-età tagħha.
- Agħtiha ċ-ċans biex tifhmek u biex tirrispondik, per eżempju: irrepeti jekk ikun hemm bżonn; jekk il-persuna ma tifhimx, spjega b'mod ieħor, jew inkella uża stampi, ritratti, jew sinjali biex ikun iżjed faċli li tinftiehem.

Meta jkollok dubju, dejjem staqsi lill-persuna għaliex hi l-aqwa sors ta' informazzjoni.

# Persuni b'nuqqas ta' smigħ

Il-mod kif persuni li għandhom nuqqas ta' smigħ jikkomunikaw ivarja ħafna u jiddependi minn diversi fatturi, l-aktar mill-grad tan-nuqqas ta' smigħ u ma' min qed jikkomunikaw. Uħud jikkomunikaw l-aktar bil-Lingwa tas-Sinjali u għalhekk f'ċertu okkażżjonijiet jitolbu interpretu ta' din il-Lingwa. Ħafna jużaw il-hearing aids biex jużaw sal-massimu s-smigħ li jkun għad baqagħlhom. Kollha jippruvaw jaqraw ix-xofftejn u jikkomunikaw bil-kliem, ħafna drabi megħjuna bis-sinjali. Importanti li ma nittrattawx lil kulħadd l-istess imma li nqisu li kull persuna għandha l-individwalità tagħha.

Dawn huma xi linji gwida ta' etikett għal meta tikkomunika ma' persuni li għandhom nuqqas ta' smigħ:

- F'ċertu sitwazzjonijiet, jekk il-persuna jkollha bżonn, ara li jkun hemm interpretu tal-Lingwa tas-Sinjali jew lipspeaker.
- Titlobx l-interpretu jew il-lipspeaker biex ikun attiv fil-konverżazzjoni, bħal per eżempju: titolbu opinjoni.
- Meta jkun hemm l-interpretu jew il-lipspeaker kellem lill-persuna nieqsa mis-smigħ u mhux l-interpetu jew il-lipspeaker.
- Ara li l-persuna nieqsa mis-smigħ qed tħares lejk. Jekk ikun hemm bżonn li tiġbed l-attenzjoni tal-persuna b'nuqqas ta' smigħ taptpilha bil-mod fuq spallitha jew xejjer idejk jew ixgħel u itfi d-dawl (ara li ma toħloq l-ebda periklu).
- Ara li xofftejk ikunu jidhru sew billi ma tpoġġix idejk quddiem wiċċek, jew tpejjep, jew ikollok iċ-chewing gum, jew toqgħod tiċċaqlaq ħafna. Id-dawl għandu jkun fuq wiċċek u mhux fuq wiċċ il-persuna nieqsa mis-smigħ.
- L-espressjonijiet tal-wiċċ u tal-ġisem jgħinu, imma tesaġerax.
- Tkellem ftit bil-mod imma tesaġerax.
- Uża frażijiet jew sentenzi sħaħ u mhux kliem waħdu.
- Jekk tbiddel is-suġġett, kun ċert li l-persuna tkun taf.
- Ivverifika li l-persuna fehmitek sewwa.
- Jekk il-persuna ma fehmitx xi ħaġa, irrepeti billi tuża kliem jew frażijiet differenti.
- Jekk il-persuna ma fehmitx xi ħaġa tista' tuża l-kitba jew stampi.
- Turix li fhimt dak li qed tgħid il-persuna jekk fil-fatt ma fhimtx.
- Għal min juża l-hearing aid, agħżel post bla storbju u tgħajjatx għax agħar.

Meta jkollok dubju, dejjem staqsi lill-persuna għaliex hi l-aqwa sors ta' informazzjoni.

# Persuni b'nuqqas ta' vista

Il-persuni b'nuqqas ta' vista mhumiex kollha l-istess. Hemm min jara ftit, hemm min ma jara xejn. Hemm min ma jarax, l-aktar bil-lejl. Importanti li ma nittrattawx lil kulħadd l-istess imma li nqisu li kull persuna għandha l-individwalità tagħha.

- Kellem lill-persuna biex tiġbed l-attenzjoni tagħha u dejjem introduċi lilek innifsek.
- Staqsi lill-persuna tridx għajnuna ("Kif nista' ngħinek?") u kif int għandek tagħmel dan, imma tiħux għalik jekk din tirrifjuta.
- Titlobx il-persuna taqta' min inti mill-vuċi tiegħek biss.
- Taqbadx u twarrab minn quddiem persuna b'nuqqas ta' vista. Avżaha li se twarrab.
- Staqsi lill-persuna jekk tixtieqx tkun iggwidata u jekk iva, hemm min jippreferi li teħdilhom idhom; oħrajn jippreferu li jżommu ma' idejk. Agħti ċans lill-persuna żżommok u mbagħad ibda miexi/miexja.

Meta tkun qed tiggwida lil persuna b'nuqqas ta' vista:

- Iċċaqlaqx ħafna l-id li tkun qed iżżomm magħha l-persuna; imxi normali u skond il-pass tal-persuna. Iġbed l-attenzjoni għal xi oġġetti ta' periklu li jistgħu jkunu fin-nofs jew li jistgħu jintlaqtu.
- Informa l-persuna b'xi tibdil fil-livell ta' l-art, taraġ jew bankina.
- Meta tkun tielgħa t-taraġ, ħalli l-persuna żżomm mal-poġġaman tat-taraġ.
- Għaddi int l-ewwel.
- Timbuttax jew tiġbidx persuna b'nuqqas ta' vista biex toqgħod bil-qiegħda. Iggwidalha idha għal mas-siġġu.

Meta jkollok dubju, dejjem staqsi lill-persuna għaliex hi l-aqwa sors ta' informazzjoni.

# Persuni b'nuqqas fiżiku

Il-persuni b'nuqqas fiżiku mhumiex l-istess l-anqas. Hemm min juża s-siġġu tar-roti l-ħin kollu, hemm min jużah meta jkun se jimxi fit-tul. Hemm min juża bastun, krozzi, jew apparat ieħor biex imur minn post għal ieħor. Hemm persuni li għandhom nuqqas fiżiku imma m'għandhomx nuqqas ta' mobilità, per eżempju d-diffikultà tkun biex jużaw idejhom. Importanti li ma nittrattawx lil kulħadd l-istess imma li nqisu li kull persuna għandha l-individwalità tagħha.

## Dawn il-punti jirreferu għal persuni li għandhom diffikultà biex jimxu:

- Offri li dawn ipoġġu bil-qiegħda.
- Mhux il-persuni kollha li għandhom diffikultà biex jimxu jippreferu li joqogħdu bil-qiegħda.
- Ftakar li ħafna drabi persuni li jużaw walking aids isibuha diffiċli biex jużaw idejhom waqt li jkunu bil-wieqfa. Għalhekk per eżempju diffiċli li jiktbu bil-wieqfa.

## Dawn il-punti jirreferu għal persuni li jidhru differenti:

- Iffoka fuq il-persuna, il-karattru tagħha u dak li qed tgħid.
- Jekk tiġi għandek biex taqdiha jew biex tgħinha ddawwarx wiċċek taparsi ma rajthiex.

## Dawn il-punti jirreferu għal persuni li għandhom diffikultà fid-diskors:

- Jekk ma tifhimx kompletament, tippretendix li fhimt. Irrepeti dak li ma tkunx fhimt u ħalli r-reazzjoni tal-persuna tiggwidak.
- Kun paċenzjuż.
- Ikkonċentra biex tisma' dak li l-persuna qed tgħid aktar milli kif tkun qed tgħid.
- Tikkoreġix lill-persuna jew titkellem għaliha. Stenna waqt li tkun qed titkellem u taqax fit-tentazzjoni li tispiċċalha s-sentenzi tagħha.
- Ipprova staqsi mistoqsijiet li jirrikjedu tweġibiet qosra jew xengila tar-ras.

## Dawn il-punti jirreferu għal persuni li jużaw siġġu tar-roti:

- Is-siġġu tar-roti jagħmel parti mill-ispazju personali tal-persuna. Għalhekk tintelaqx fuq is-siġġu u ddendilx affarijiet miegħu mingħajr il-permess tal-persuna.
- Staqsi lill-persuna tridx għajnuna ("Kif nista' ngħinek?") u kif int għandek tagħmel dan, imma tiħux għalik jekk din tirrifjuta.
- Meta tkellem persuna li tuża siġġu tar-roti, inżel għal-livell t'għajnejha.
- Kellem direttament lill-persuna li tuża s-siġġu tar-roti u mhux lil min ikun magħha.

### Meta qed tmexxi persuna li tuża s-siggu tar-roti:

- Tmexxix is-siġġu tar-roti mid-dahar fejn isserraħ il-persuna – uża l-mankijiet tas-siġġu.
- Evita ħofor, tumbati jew art li ma tkunx lixxa għaliex dawn periklu għall-persuna. Meta tgħaddi minn fuq xi sprall oqgħod attent li r-rota ma tidħolx fil-vojt.
- Jekk hemm bżonn, ħu ħsieb li idejn u saqajn il-persuna jkunu fil-pożizzjoni t-tajba.
- Mexxi l-persuna b'mod sigur u mhux perikoluż.

Meta jkollok dubju, dejjem staqsi lill-persuna għaliex hi l-aqwa sors ta' informazzjoni.

# Persuni b'nuqqas ta' saħħa mentali

Persuni b'nuqqas ta' saħħa mentali mhux kollha l-istess. Dan in-nuqqas jista' jaffettwa kif persuna tħossha, u kif tirrelata ma' persuni oħra. Dan in-nuqqas ma jistax jintgħeleb sempliċement bir-rieda tal-persuna. Importanti li ma nittrattawx lil kulħadd l-istess imma li nqisu li kull persuna għandha l-individwalità tagħha.

Dawn il-punti jirreferu għal persuni li għandhom nuqqas ta' saħħa mentali:

- Tassumix li għax il-persuna għandha nuqqas ta' saħħa mentali, ma tkunx kapaċi tieħu deċiżjoni weħidha dwar dak li hu l-aħjar għaliha.
- Titkellimx mal-persuna adulta qisek qed titkellem ma' tifel jew tifla iżda uża kliem u lingwaġġ ċar.
- Tgħaġġilx lill-persuna biex titkellem u tieha ċans tiġbor il-ħsibijiet tagħha.
- L-istress jista' jaffettwa l-abilità ta' persuna għalhekk tagħmilx pressjoni żejda fuqha.
- Xi kultant il-persuna b'nuqqas ta' saħħa mentali tista' ddum xi ftit biex tifhmek. Ara li l-persuna qed tifhmek – staqsiha jekk fehmitekx.
- Persuna b'nuqqas ta' saħħa mentali tista' ġġib ruħha b'mod differenti ħafna minħabba l-medikazzjoni li tkun qed tieħu.
- Persuna b'nuqqas ta' saħħa mentali xi kultant tista' tidher indifferenti jew riservata żżejjed, jew ma tagħmilx kuntatt bl-għajnejn  Għalhekk tħossokx offiż.
- Xi persuni b'nuqqas ta' saħħa mentali għandhom diffikultà jagħmlu konverżazzjoni fit-tul. F'dan il-każ agħmel mistoqsijiet li jirrikjedu tweġiba qasira jew li tista' tirrispondi b'sinjali.

Meta jkollok dubju, dejjem staqsi lill-persuna għaliex hi l-aqwa sors ta' informazzjoni.

# Linji gwida għal meta torganizza attività

(eż. konferenza, laqgħa, konferenza stampa, attivitajiet eċċ.)

Din il-parti tal-manwal se tagħti lista ta' affarijiet li huma neċessarji biex wieħed jorganizza attività li hija tassew inklussiva u li tikkunsidra l-bżonnijiet differenti tal-parteċipanti. Għal dettalji komprensivi, speċjalment dwar aċċess fiżiku, ara l-linji gwida, "Access for All – Design Guidelines" maħruġ mill-KNPD (www.knpd.org). Il-konsiderazzjonijiet li jidhru hawn mhux neċessarjament japplikaw kollha.

## Biex l-attività tkun aċċessibbli għall-persuni b'nuqqas ta' smigħ, hemm bżonn:

- Servizz ta' interpretazzjoni bil-Lingwi tas-Sinjali jew lipspeakers, jekk mitlub.
- Fl-istedina, informa lill-parteċipanti li jistgħu jiġu pprovduti servizzi skond il-bżonnijiet individwali tagħhom, eż. interpretazzjoni bil-Lingwa tas-Sinjali, lipspeaker jew loop system.
- Li tħalli l-interpreti jew il-persuna b'nuqqas ta' smigħ u l-lipspeaker jagħżlu huma l-post l-aħjar għalihom fil-kamra fejn se ssir l-attivita.
- Dwal adegwat fuq l-interpreti u l-lipspeaker il-ħin kollu, anke meta tkun se ssir xi preżentazzjoni viżwali.
- Li tipprovdi l-materjal li se jkun ippreżentat, lill-interpreti u l-lipspeaker l-aktar kmieni possibbli qabel l-attività.
- Post tal-laqgħa mhux storbjuż.
- Kmamar tas-sodda aċċessibbli għal persuni neqsin mis-smigħ (inkluż adattazzjonijiet għat-telefown u smoke alarm viżwali) .
- Li l-kelliema jitkellmu b'mod li jinftiehem u ma jgħaġġlux iżżejjed.
- Evita li jkun hemm ħafna nies jitkellmu f'daqqa.
- Sottotitoli jekk jintwerew xi filmati.
- Istruzzjonijiet bil-miktub fuq monitors, skrins, notice boards, eċċ. dwar l-andament tal-laqgħa li ġieli jingħataw bil-vuċi biss, speċjalment fejn ikun se jsir xi bdil fil-programm.

Dejjem staqsi jekk il-persuna għandhiex xi bżonnijiet oħra.

## Biex l-attività tkun aċċessibbli għal persuni b'nuqqas fiżiku, hemm bżonn:

- Parkeġġ adegwat riservat għall-persuni b'diżabilità fil-post fejn se ssir l-attività (l-eqreb possibbli għall-entratura).
- Fl-istedina, informa lill-parteċipanti li jistgħu jiġu pprovdut servizzi skond il-bżonnijiet individwali tagħhom, eżempju: trasport aċċessibbli.
- Aċċessibilità mill-parkeġġ għall-entratura tal-post fejn se ssir l-attività.
- Aċċessibilità  ta' l-entratura prinċipali fejn se ssir l-attività.
- Aċċessibilità mill-entratura għal post/ijiet fejn se ssir l-attività, inkluż il-kamra fejn issir il-laqgħa, it-tojlit u kmamar oħra, il-lift, il-post fejn ser jittieħed il-kafè u r-ristorant.
- Bibien wiesgħa li jistgħu jintużaw minn persuni li jużaw siġġu tar-roti.
- Rampi adegwati.
- Imwejjed kollha, inkluż tar-reġistrazzjoni u dik tal-kelliema, ikunu aċċessibbli għall-persuni li jużaw siġġu tar-roti.
- Spazju biżżejjed għall-persuni li jużaw siġġu tar-roti fil-kmamar kollha li se jintużaw.
- Il-persuni li jużaw is-siġġu tar-roti għandhom ikollhom aċċess għall-kamra kollha fejn qed issir l-attività.
- Tojlit aċċessibbli skond il-linji gwida fil-viċinanza tal-kamra tal-laqgħa.
- Telefowns pubbliċi aċċessibbli għal kulħadd.
- Podjum aċċessibbli.
- Lifts aċċessibbli għal kulħadd.
- Kmamar tal-banju u kmamar tas-sodda aċċessibbli għal persuni b'nuqqas fiżiku. Hemm min ikollu bżonn ta' sodda ogħla jew aktar baxxa.

Wieħed għandu jaċċerta ruħu billi jmur fuq il-post u jara li l-faċilitajiet kollha li semmejna huma verament aċċessibbli u li jaħdmu.

Dejjem staqsi jekk il-persuna għandhiex xi bżonnijiet oħra.

## Biex l-attività tkun aċċessibbli għal persuni b'nuqqas ta' vista, hemm bżonn:

- Post (jiġifieri l-ambjent fiżiku) li jkun mingħajr ostakli li jistgħu jkunu ta' periklu għall-persuni b'nuqqas ta' vista.
- Fl-istedina, informa lill-parteċipanti li jistgħu jiġu pprovduti servizzi skond il-bżonnijiet individwali tagħhom, eż. trasport aċċessibbli u materjal b'formati differenti.
- Kamra tal-laqgħa jew/kmamar tal-laqgħat b'dawl tajjeb u li jista' jiġi rranġat skond il-bżonn.
- Sinjali li juru direzzjoni, lifts, tojlits, eċċ., li jkunu kbar u b'kulur kontrastanti ma' l-isfond.
- Numri fil-lifts miktubin bil-Braille.
- Materjal li jingħata lill-parteċipanti qabel, waqt jew wara l-laqgħa għandu jiġi pprovdut ukoll bil-Braille, fuq audio cassette, fuq diskettes jew CDs tal-kompjuter (anke b'emails) jew b'tipa kbira.
- Materjal li se jingħata b'mod elettroniku, l-aħjar li jkun bl-Ingliż u ma jkunx fih kaxxi u tabelli.
- Preżentazzjonijiet viżwali b'tipa kbira u kuluri kontrastanti li jistgħu jinqraw tajjeb.
- Il-kelliema jidentifikaw irwieħhom u jakkumpanjaw il-materjal stampat bi spjegazzjoni verbali.
- Evita li jkun hemm ħafna nies jitkellmu f'daqqa.
- Assistenza personali li tinkludi, jekk mitlub mill-parteċipanti, li:
  - iddawwarhom mal-post fejn se ssir il-laqgħa bi spjega kif inhu mqassam il-post;
  - tispjega fejnhom il-bibien u t-tojlit;
  - tgħinhom isibu post tajjeb fil-kamra ta' l-attività;
  - tispjegalhom dak li jkun qed iseħħ waqt l-attività;
  - toffrilhom għajnuna għal waqt il-waqfa tal-kafè jew ta' l-ikel, jew f'ħinijiet oħra.

Dejjem staqsi jekk il-persuna għandhiex xi bżonnijiet oħra.

## Biex l-attività tkun aċċessibbli għal persuni b'nuqqas intellettwali, hemm bżonn:

- Fl-istedina, informa lill-parteċipanti li jista' jiġi pprovdut servizzi skond il-bżonnijiet individwali tagħhom, eżempju: trasport aċċessibbli u materjal Faċli-biex-Taqra.

- Sinjali li juru direzzjoni, lifts, tojlits, eċċ. bi stampi sempliċi u ċari.

- Materjal li jingħata lill-parteċipanti qabel, waqt jew wara l-laqgħa għandu jigi provdut f'format Faċli-biex-Taqra.

- Assistenza personali li tinkludi, jekk mitlub mill-parteċipanti, li:
  - tispjegalhom minn qabel il-programm ta' l-attività;
  - tispjegalhom dak li jkun qed jingħad.

- F'każ ta' intervent minn persuna b'nuqqas intellettwali, din għandha tingħata l-ħin meħtieġ biex tkun tista' tesprimi ruħha sew.

Dejjem staqsi jekk il-persuna għandhiex xi bżonnijiet oħra.

# Linji gwida għall-kitba u produzzjoni ta' programmi televiżivi jew tar-radju

(artikli, diskorsi, stqarrijiet għall-istampa, eċċ.)

Din il-parti tal-manwal se tagħti ħarsa lejn dak li huwa essenzjali sabiex ikollna produzzjonijiet u kitba tassew inklussiva u li tikkunsidra l-persuni b'diżabilità.

Linji gwida dettaljati jinstabu ukoll fil-"Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżabilità u l-Preżentazzjoni Tagħha fix-Xandir", maħruġa mill-Awtorità tax-Xandir u li jinsab ukoll fil-websajt tal-Kummissjoni: www.knpd.org

Rari tara jew tisma' persuna b'diżabilità fuq ir-radju jew TV. Rari iżjed li l-persuni b'diżabilità jieħdu sehem fi programmi li mhumiex dwar id-diżabilità innifisha. Il-persuni b'diżabilità huma kważi inviżibbli fi programmi u artikli oħra. Per eżempju, kemm naraw atturi b'diżabilità, jew deletanti ta' l-isport li għandhom b'diżabilità, jew membri tal-pubbliku b'diżabilità, li jintalbu l-opinjoni f'xi vox pop?

Veru li trid aktar impenn biex tinkludi persuni b'diżabilità, iżda b'hekk qed ngħinu biex inkissru l-isterjotipi u nkunu inklussivi.

Għaldaqstant, huwa importanti li l-producers u artikolisti jaraw li l-persuni b'diżabilità jigu pproġettati mhux bħala vittmi jew b'mod patronizzanti, iżda bl-istess mod bħal kull ċittadin ieħor.

Hemm diversi modi kif tista' tirrispetta u tinkludi l-persuni b'diżabilità meta tkun se tikteb artiklu jew stqarrija għall-istampa jew xi skript għat-TV jew għar-radju, per eżempju:

- Ħalli l-persuni b'diżabilità jitkellmu għalihom infushom; tihom l-opportunità jesprimu rwieħhom u meta tkun f'dubju staqsi lilhom x'għandek tgħid jew tagħmel.
- Dejjem uża lingwa li tenfasizza l-ugwaljanza u l-parteċipazzjoni (ara t-taqsima dwar il-Lingwaġġ).
- Enfasizza l-pożittiv u l-kapaċità – dak li persuna kapaċi tagħmel u mhux x'ma tistax tagħmel.
- Enfasizza l-bżonnijiet li jeżistu minħabba nuqqasijiet fis-soċjetà; per eżempju, in-nuqqas ta' tagħrif f'formati differenti (awdjo, Braille, Faċli-biex-Taqra, eċċ.).
- Enfasizza d-drittijiet u r-rispett, u mhux il-karità; per eżempju, iffoka fuq l-affarijiet fis-soċjetà li jridu jinbidlu biex tkun waħda tassew inklussiva.
- Enfasizza l-persuna l-ewwel u mhux in-nuqqas bijoloġiku.

Minbarra dan, hemm bżonn li jkun hemm aktar viżibilità tal-persuni b'diżabilità fil-midja tal-massa. Jinħtieġ li naraw aktar u aktar persuni b'diżabilità fl-oqsma kollha u mhux biss għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-aspett uman, soċjali u ġbir ta' fondi. Għalhekk persuni b'diżabilità jiġu inklużi fil-midja tal-massa b'dawn il-modi:

- Rwoli fi programmi televiżivi bħala ħaddiema kompetenti, kollegi tax-xogħol u ħbieb li jħobbu jiddevertu.

- Ikkunsidra persuna b'diżabilità bħala persuna sħiħa bi kwalitajiet tajba u inqas tajba – bħal kulħadd, wara kollox. Per eżempju, f'xi teleserje, tista' turi persuna b'diżabilità bħala persuna simpatika jew mhux tant simpatika. Persuna b'diżabilità tista' tkun irrabjata jew imdejqa iżda tista' wkoll tkun ferħana, ċajtiera, sexy u mimlija ħajja. Ikkunsidra persuni b'diżabilità għal xeni komuni fi programmi bħal teleserje, riklami, vox pop, eċċ.

- Meta taħseb f'persuni b'diżabilità taħsibx biss f'persuni li jużaw siġġu tar-roti. Ikkunsidra li turi persuni b'nuqqasijiet bioloġiċi oħra bħal persuni b'nuqqas ta' vista, b'nuqqas fiżiku ieħor, b'nuqqas intellettwali, nuqqas ta' smigħ, nuqqas ta' saħħa mentali.

- Meta inti tmexxi programm u hemm il-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabilità, hu importanti li tipprepara u timxi ma' dawn il-linji gwida. Tajjeb li tiftakar li fl-aħħar mill-aħħar inti għandek quddiemek persuna/i bl-individwalita' tagħha/tagħhom.

# Linji gwida għal informazzjoni stampata

(inkluż preżentazzjoni bil-presentation software)

- Evita tqassim iffullat.
- Qassam it-test f'biċċiet qosra.
- Żomm linji qosra. Kolonni dojoq huma eħfef biex jinqraw minn linji twal.Idealment kull linja għandha jkollha bejn 60-70 karattru jiġifieri bejn 8 u 10 kelmiet.
- Ħalli spazju biżżejjed bejn il-kolonni. Jekk l-ispazju jkun limitat, agħmel linja vertikali biex tifred il-kolonni.
- Tagħmilx il-marġni tal-paġna tal-lemin uniformi għax inkella ma jkunx hemm spazju uniformi bejn kull kelma.
- It-tipa għandha tkun ta' l-anqas 12-il punt għalkemm nirrakkomandaw 14-il punt.
- Uża karattri li faċli jinqraw bħal Arial jew Times New Roman. Evita karattri elaborati jew mhux tas-soltu bħal Script.
- Test bl-ittri kollha kapitali u test korsiv (italics) huma ġeneralment it-tnejn aktar diffiċli biex jinqraw.
- Evita tipi dojoq. Ħafna jippreferu tipi grassi (bold) jew semi grassi.
- Agħżel karattri fejn in-numri jidhru ċari.
- L-ispazju bejn linja ta' tipa u oħra (leading) huwa importanti u bħala regola ġenerali għandu jkun bejn 1.5 u 2 bejn il-kliem fuq linja.
- Tużax aspetti ta' disinn li jistgħu joħolqu konfużjoni, bħall-istampar ta' test fuq xbihat.
- Iddawwarx it-test madwar stampi għaliex dan jirriżulta f'linji ta' daqsijiet differenti, li jistgħu jkunu diffiċli biex jinqraw.
- Uża stampi u disinni biex jikkumplimentaw aktar it-test.
- Uża tipa ċara u għajnuniet għan-navigazzjoni bħal lista tal-kontenut, puntini u linji biex tissepara taqsimiet mhux relatati.
- Karatteristiċi rikorrenti bħal numri tal-paġni, għandhom ikunu dejjem fl-istess post.
- Ara li jkun hemm kuntrast biżżejjed bejn it-test u l-isfond. Dan jgħodd l-aktar meta tagħmel reversing type.
- Fil-formoli, ara li tħalli spazju biżżejjed biex ma jkunx hemm problemi għal min għandu diffikultà biex jikteb fiċ-ċokon.
- Agħżel karta ma tleqqx, mhux miksija u tiżen aktar minn 90gsm.
- Meta titwi karta, tagħmilx it-tinja fuq it-test għax inkella dan isir diffiċli biex jinqara.

# Linji gwida għal websajts

(inkluż preżentazzjoni bil-presentation software)

Hawnhekk se nkunu qegħdin naraw x'inhuma dawk l-elementi essenzjali biex websajts ikunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità, ikunu xi jkunu n-nuqqasijiet bijoloġiċi tagħhom.

Tajjeb li nkunu nafu li jeżisti software li jista' jaqra l-iskrin u li hu użat minn persuni b'nuqqas ta' vista jew persuni oħra li għandhom diffikultà li jaqraw minn fuq l-iskrin.

Meta tkun qed toħloq paġna tal-web, ikkunsidra li għandek firxa wiesgħa ta' min iżur is-sit u li għandhom ħiliet u kapaċitajiet differenti. Jista' jkun li:

- Persuni għandhom nuqqas ta' vista, smigħ jew fiżiċi jew ikollhom diffikultà jaqraw jew jifhmu dak li hemm miktub fis-sit;
- Ma jistgħux jużaw mouse jew keyboard;
- Ikollhom skrin text-only, skrin żgħir jew konnessjoni ta' l-internet limitata;
- Ma jifhmux tajjeb il-lingwa li biha jkun miktub id-dokument;
- Ikollhom verżjoni aktar antika tal-browser, jew browser differenti kompletament, jew sistema totalment differenti minħabba li s-software speċjalizzat li jużaw ma jkunx kompatibbli.

Minħabba dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, meta qed tippjana websajt, importanti ħafna li tqis id-diversità ta' dawk kollha li jużaw is-sit sabiex ikun hemm aċċess sħiħ għat-tagħrif li qed tipprova twassal.

Dawn il-linji gwida li ġejjin huma mfassla fuq "HTML Techniques for Web Content Accessibility Guidelines 2.0", linji gwida wżati wkoll mill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

- Uża teknoloġija u linji gwida maħruġa mill-Web Accessibility Initiative li ġew ippubblikati fi ħdan il-konsorzju W3C. Meta ma jkunx possibbli li tagħmel dan u l-materjal ma jittranġax b'mod aċċessibbli, ipprovdi verżjoni alternattiva tal-kontenut li huwa aċċessibbli.

- Tiddependix fuq il-kuluri biss imma aċċerta li s-sens tal-kliem u l-grafika jkunu jinftiehmu meta jidhru mingħajr kulur.

- Agħmel markup tad-dokument bi struttura l-aktar xierqa ta' l-elementi. Ikkontrolla l-preżentazzjoni bi style sheets aċċessibbli. Primarjament dan ifisser titli li jużaw standard heading tags u tipa li d-daqs tagħha tista' tiġi mkabbra min-naħa tal-browser.

- Iċċara l-użu tal-lingwa naturali billi tuża markup li jiffaċilita l-pronunzja u l-interpretazzjoni ta' kitba barranija jew kitba mqassra.

- Oħloq tabelli li jittrasformaw b'mod tajjeb billi taċċerta li t-tabelli jkollhom il-markup neċessarju skond il-WCAG standards.

- Aċċerta li paġni li jikkaratterizzaw teknoloġiji ġodda jittrasformaw b'mod tajjeb billi l-paġni huma aċċessibbli anke meta teknoloġiji ġodda mhumiex issapportjati jew huma mitfijin.

- Aċċerta li l-kontroll tal-kontenut huwa time-sensitive billi l-oġġetti jew paġni li jixegħlu u jitfu jew jiġu aġġornati awtomatikament jistgħu jitwaqqfu.

- Fid-disinn għal device independence, uża karatteristiċi li jgħinu biex elementi ta' paġni jiġu attivati kemm bil-mouse kif ukoll bil-keyboard, jew input devices oħra.

- Uża soluzzjonijiet aċċessibbli interim biex assistive technologies u browsers qodma jaħdmu b'mod korrett.

- Ipprovdi mekkaniżmu ta' navigazzjoni ċara u konsistenti, informazzjoni u orjentazzjoni, navigation bars u mappa tas-sit, eċċ. biex tiżgura l-possibilità li persuna ssib dak li qed tfittex fuq is-sit. L-użu ta' shortcut keys huwa mħeġġa speċjalment fejn il-kontenut huwa kumpless.

- Aċċerta li d-dokumenti jkunu ċari u sempliċi sabiex ikunu jistgħu jiġu mifhuma aħjar.

- Għal aktar informazzjoni rreferi għal "HTML Techniques for Web Content Accessibility Guidelines 2.0" http://www.w3.org/TR/WCAG10-HTML-TECHS/

Tajjeb li dawn il-linji gwida jerġgħu jiġu kkunsidrati kull darba li tigi aġġornata l-websajt.

# Tagħrif rilevanti u kuntatti

## Stampar bil-Braille

**Fondazzjoni għall-Aċċessibilità ta' l-Informatika (FITA)**
'Gattard House', Triq Nazzjonali
Il-Blata l-Bajda
Telefown: 2599 2659, 2599 2343
Fax: 2599 2659
Indirizz-e: michael.micallef@gov.mt
http://www.knpd.org/mittsfita/

## Servizz ta' Interpreti tal-Lingwa tas-Sinjali

**Għaqda Persuni Neqsin mis-Smigħ**
Numru tal-mowbjal (vuċi): 9938 1234
Textelefon: 2124 5823
Fax: 2124 5023
Indirizz-e: sign.interpreting@gmail.com

## Assistenza relatata mat-Teknoloġija ta' l-Informatika (ICT) aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità

**Fondazzjoni għall-Aċċessibilità ta' l-Informatika (FITA)**
'Gattard House', Triq Nazzjonali
Il-Blata l-Bajda
Telefown: 2599 2659, 2599 2343
Fax: 2599 2659
Indirizz-e: (Politika u Servizzi): stanley.debono@gov.mt
Indirizz-e: (Verifika ta' l-Aċċessibilità): michael.micallef@gov.mt
http://www.knpd.org/mittsfita/

## Konsultazzjoni ma' għaqdiet ta' persuni b'diżabilità

**Id-Direttorju "Servizzi u Benefiċċji għall-Persuni b'Diżabilità"**

Din il-pubblikazzjoni tista' tinkiseb mill-Kummissjoni f'formati differenti: bl-Ingliż, b'tipa kbira bil-Malti, fuq awdjo bil-Malti, fuq vidjo bil-Lingwa tas-Sinjali Maltija u verżjoni Faċli-biex-Taqra bil-Malti. Verżjonijiet bil-Malti, bl-Ingliż u Faċli-biex-Taqra jinsabu wkoll fuq il-websajt tal-Kummissjoni: www.knpd.org

## Tagħrif ieħor

**Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (KNPD)**
Ċentru Ħidma Soċjali
Istitut Vincenzo Bugeia
Triq Braille, Santa Venera
Telefown: 2148 7789
Fax: 2148 4609
Textel: 2144 65396
Indirizz-e: helpdesk@knpd.org
www.knpd.org

# Referenzi


**Access for All – Design Guidelines**, Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità, KNPD
http://www.knpd.org/

Barnes, C. u Mercer, G. (2003) **Disability**, Londra: Polity

Barnes, C., Oliver, M. u Barton, L. (Eds) (2002) **Disability Studies Today**, Londra: Polity

**Conferences and Meetings: planning for access**
http://www.disabilityresources.org/CONFERENCE-ACCESS.html

**Disability Access and Compliance**
http://www.metrokc.gov/dias/ocre/DA.htm

**Guidelines for Accessible Meetings and Events**
http://www.mdpag.org.uk/pubs.htm#guidelines

**Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżabilità u l-Preżentazzjoni Tagħha fix-Xandir**
Awtorità tax-Xandir, http://www.knpd.org/

**Il-Klijent b'Diżabilità,** Disability Employers Forum u
l-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità, http://www.knpd.org/

**Inclusion – Creating an Inclusive Environment**
www.nationalserviceresources.org/filemanager/download/inclusion/inclusion.pdf

**Increasing and Improving Portrayal of People with Disabilities in the Media**
http://www.mediaanddisability.org/index.htm

**Interacting with People with Disabilities**
http://www.bsu.edu/dsd/article/0,1969,66066-6523-17846,00.html

**Planning Accessible Conferences and Meetings**
http://www.nebraskagifted.org/eric/e735.html

Oliver, M. (1996) **Understanding Disability: from theory to practice**, Londra: Macmillan

Pointon A, u Davies C., eds, (1997) **Framed: interrogating disability in the media,** Londra: BFI Publishing

Preiser, W., u Ostroff, E., (2001) **Universal Design Handbook**, New York: McGraw Hill

SCOPE, (2001) **Tell It Like It Is: an exploration of language, imagery and disabled people's lives**, Londra: Department for Work and Pensions, SCOPE

**Servizzi u Benefiċċji għall-Persuni b'Diżabilità**
Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità, http://www.knpd.org/

Swain, J., French, S., Barnes, C., u Thomas, C. (Eds) (2004) **Disabling Barriers Enabling Environments**, Londra: Sage

**Talking to and about Workers with Disabilities**
http://www.ilwig.net/resources/wwd-talking_about.html#People_First_Language

**Television Access Services**
http://www.ofcom.org.uk/consult/condocs/accesservs/access.pdf

**The Social Model of Disability**
http://www.redcross.org.uk/standard.asp?print=1&id=58926&cachefixer

**The 7th. DPI World Assembly in Korea 2007**
http://v1.dpi.org/lang-en/index

**UK Disability Archive,** the Centre for Disability Studies, University of Leeds
http://www.disability-archive.leeds.ac.uk/

**Understanding Disability**
http://www.drc-gb.org/citizenship/lessonplans/understanding/coreactivity/index.asp

**Web Content Accessibility Guidelines 2.0**
http://www.w3.org/TR/WAI-WEBCONTENT/#Guidelines

**Working with the news media**
http://www.txddc.state.tx.us/resources/publications/news_midja/nwsmidjavalu.asp#look